KULLEĠĠ SAN TUMAS MORE

# L-Eżami ta' Nofs is-Sena 2017

| Il-Ħames Sena | IL-MALTI (Il-Qari u l-Kitba) | Il-Ħin: Siegħa u kwart |
|---|---|---|

L-isem u l-kunjom: ______________________________________

Il-klassi: ____________________

| Il-Qari u l-Kitba | Il-Marki |
|---|---|
| Il-marki għat-taqsima | 60 Marka |
| Il-marki tal-istudent/a | |

IL-FEHIM MILL-QARI

TAĦRIĠ A: Aqra dan l-avviż qasir li ħadnieh minn sit elettroniku. (10 marki)

Il-FIERA ANNWALI TAL-KTIEB

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ħabbar li l-fiera tal-ktieb għal din is-sena se ssir bejn it-Tnejn 20 ta' Frar, 2017 u l-Ġimgħa 24 ta' Frar, 2017 f'Dar il-Mediterran il-Belt Valletta.



Bħal kull sena l-awturi, il-pubblikaturi u l-ħwienet tal-kotba ser ibigħu l-kotba tagħhom. Ser isiru wkoll diversi attivitajiet matul din il-fiera fosthom diskussjonijiet fuq ġeneri ta' kotba differenti u sessjonijiet ta' qari għal tfal ta' bejn –il 5 u 11-il sena.

Kulħadd huwa mistieden. Narawkom!

(Addattata minn ktieb.org.mt)

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-avviż li qrajt.**

1. **Immarka b'sinjal (X) hux Veru jew Falz.** (4 marki)

| | | Veru | Falz |
|---|---|---|---|
| a. | Din il-fiera ssir kull sena. | | |
| b. | L-avviż huwa meħud kelma b'kelma minn websajt. | | |
| ċ. | It-tfal biss huma mistednin li jattendu. | | |
| d. | Il-fiera se ssir matul dan ix-xahar ta' Frar. | | |

2. **Immarka t-tweġiba t-tajba billi taqta' linja taħtha.** (4 marki)

a. Il-fiera annwali tal-ktieb se ssir fil-

Birgu. Belt Valletta. Furjana.

b. Il-fiera tal-ktieb tintemm fl-

10 ta' Frar. 20 ta' Frar. 24 ta' Frar.

ċ. Matul il-fiera se jiġu _______________ ħafna kotba.

mibjugħa mqattgħin mogħtija

d. Ser ikun hemm bosta _________________ matul il-fiera tal-ktieb.

attivitajiet kantanti annimali

3. <u>Wieġeb.</u> (2 marki)

Semmi 2 attivitajiet li se jsiru matul il-fiera annwali tal-ktieb.

**a.** ______________________________________________

**b.** ______________________________________________

**TAĦRIĠ B: Aqra l-istorja u wara wieġeb il-mistoqijiet.** **(20 marka)**

**L-annimali ta' Ħal Tmun jipprotestaw**

Darba waħda s-Sur Ġorġ mar f'ħanut tal-kostumi. Tal-ħanut tah uniformi blu. F'salt wieħed is-Sur Ġorġ sab ruħu ġo żu. Hawnhekk seta' jara l-annimali kollha b'geddum daqsiex: "X'inhi r-raġuni għal dan kollu?" staqsa s-Sur Ġorġ lill-pappagall. "Iftaħli t-tieqa u ngħidlek x'qiegħed jinkwetana," wieġbu l-pappagall. (par. 1)



Is-Sur Ġorġ kien pront fetaħlu t-tieqa u l-pappagall ħareġ itir sakemm sab zokk ta' siġra. "Kif qiegħed tara, Sur Ġorġ, dawn il-gaġeġ li qegħdin fihom huma żgħar daqs naqra u kulħadd imdejjaq sa snienu fihom". Kelma 'l hawn u kelma 'l hemm il-pappagall ikkonvinċa lis-Sur Ġorġ biex jiftaħ il-gaġeġ kollha. Għalhekk f'salt wieħed il-ġiraff, il-kukkudrill, l-iljun, it-tigra u x-xadina sabu ruħhom barra. (par. 2)

Kif ra hekk is-Sur Ġorġ telaq jiġri jgħajjat: "L-annimali kollha ħarbu mill-gaġeġ tagħhom!" Kif raw hekk in-nies tathom ferneżija. Huma nġabru fil-pjazza jitolbu lis-Sur Ġorġ biex jgħidilhom x'jistgħu jagħmlu."Faċli", qalilhom is-Sur Ġorġ, "l-annimali ħarbu miż-żu. Għalhekk m'hemmx ċans li jerġgħu jmorru hemm." Għal dan il-kliem in-nies kollha marru lejn iż-żu u qagħdu jistennew x'ser jiġri. (par. 3)

F'salt wieħed l-annimali dehru ġejjin lejn iż-żu. "X'se nagħmlu Sur Ġorġ?" staqsewh in-nies. "M'hemmx x'nagħmlu ... nidħlu fil-gaġeġ aħna," qalilhom is-Sur Ġorġ. Hekk għamlu imma bl-għeluq li kien hemm kienet se taqbadhom ferneżija. Imma x'setgħu jagħmlu? (par. 4)



Kif l-annimali ġew lura, il-pappagall, li beda jirrappreżenta lill-annimali sħabu, dar lejn in-nies u qalilhom: "Intomx taraw minn xiex ikollna ngħaddu biex intom toqogħdu titpaxxew bina. Kulma qegħdin nitolbu huwa sempliċiment li tal-inqas tibnulna gaġeġ kbar u komdi." In-nies qalulhom: "Isbaħ din! Dan nagħmluhulkom f'qasir żmien." (par. 5)

Wara li sar il-ftehim b'kuntratt, in-nies ħarġu mill-gaġeġ. L-annimali daħlu lura sakemm in-nies bdew ikabbru l-gaġeġ taż-żu. (par. 6)

Kemm ferħu dakinhar li l-gaġeġ kienu lesti u kulħadd seta' jgħix ħieles fl-istess għeluq tal-gaġeġ. Karl Tonna tal-klassi tagħna, kif ra hekk, kabbar kemm felaħ il-gaġġa tal-fniek tiegħu filwaqt li talab lill-missieru biex jagħmillu guva *daqs dinja* għall-għasafar. (par. 7)

(Storja meħuda u addattata minn Noli, Noli 1 ta' Tarcisio Zarb)

**<u>Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-istorja li għadek kemm qrajt. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb.</u>**

1. Agħmel sing taħt it-tajba. (2 marki)

a. L-annimali li bdew jipprotestaw kienu jinsabu

Ħal Farruġ     Ħal Tmun     Ħal Tmiem

b. Fil-bidu tal-istorja l-annimali kienu

ferħanin eċċitati imdejqin

2. Fejn sab ruħu f'salt wieħed is-Sur Ġorġ? (par. 1) (2 marki)

______________________________________________

3. X'għamel is-Sur Ġorġ lill-pappagall? (par. 2) (2 marki)

______________________________________________

4. X'irnexxielu jikkonvinċi lis-Sur Ġorġ biex jagħmel il-pappagall? (par. 2) (2 marki)

______________________________________________

5. In-nies marru lejn iż-żu u qagħdu jistennew x'ser jiġri. X'għamlu n-nies hekk kif raw l-annimali ġejjin? (par. 4) (2 marki)

______________________________________________

6. X'kienu qed jitolbu l-annimali? (par. 5) (2 marki)

______________________________________________

7. X'għamlu n-nies wara li sar il-ftehim mal-annimali? (par. 6) (2 marki)

______________________________________________

8. Veru li l-annimali għandu jkollhom id-drittijiet tagħhom? Għaliex? (2 marki)

______________________________________________________________________

9. Xi tfisser l-espressjoni 'daqs dinja'? (par. 7) (2 marki)

______________________________________________________________________

10. Immarka t-tajba permezz ta' sinjal (X). (marka)

Karl Tonna għamel gaġġa ikbar għall-fniek. Dan ifisser li Karl Tonna:

| | |
|---|---|
| | ħa tagħlima tajba. |
| | ħa eżempju ħażin. |
| | beża' li l-fniek iqumu għalih. |

11. Immarka t-tajba billi tagħmel sinjal (X) fil-kaxxa tax-xellug. (marka)

Din l-istorja

| | |
|---|---|
| | ġrat vera. |
| | hija prodott ta' xewqa. |
| | hija r-riżultat ta' kuxjenza li għandna jkollna favur id-drittijiet tal-annimali. |

## IL-KITBA

### A. IL-GRAMMATIKA (10 marki)

**1. Imla l-vojt skont kif mitlub fl-aħħar kolonna. L-ewwel waħda hija eżempju.**

(5 marki)

| | | |
|---|---|---|
| Eż. | **Il-** bieb huwa magħluq. | Daħħal l-artiklu. |
| a. | Il-__________ huma mimlijin kollha. | Il-plural ta' bir. |
| b. | Jien u Marjo ___________________ il-karti. | In-negattiv ta' rajna |
| ċ. | ___________ studjaw! | L-imperattiv ta' marru |
| d. | Ilbieraħ ___________ bil-ballun fil-bitħa. | Il-passat ta' nilagħbu |
| e. | Ommi __________ ħafna sopop tajbin. | Il-preżent ta' għamlet |

**2. Imla l-vojt b'aġġettiv xieraq. L-istess aġġettiv ma tistax tiktbu aktar minn darba. L-ewwel waħda hija eżempju.** (5 marki)

**Eż.** L-iljun huwa wieħed mill-annimali **feroċi.**

a. Xtrajt rigal ________________ u ________________.

b. Il-gaġġa tal-għasfur hija ________________ u ________________.

ċ. Il-ktieb li għadni kemm qrajt huwa ________________ ħafna.

B. IL-KITBA TA' INTERVISTA (3 marki)

Amanda tifla mill-iskola tiegħek intgħażlet biex tkanta fil-Junior Eurovision. Il-kap tal-iskola għażel ftit tfal biex jistaqsuha xi ftit mistoqsijiet. Ikteb SITT mistoqsijiet li tixtieq tistaqsiha biex tkun taf aktar dwarha.



1. ______________________________

2. ______________________________

3. ______________________________

4. ______________________________

5. ______________________________

6. ______________________________

**Ċ: Il-Kitba ta' Storja Qasira** **(17 marka)**

**Agħżel waħda minn dawn l-istejjer u ikteb bejn 100 u 150 kelma fuqha.**



1. **Mark huwa ħabib kbir tiegħek. Huwa stiednek għall-festin ta' għeluq sninu. Irrakkonta l-festin ta' Mark.**
   Fejn kien il-festin? X'kien hemm fil-festin? X'għoġbok l-aktar? Ħadt gost?

***JEW***

2. **Il-Ħadd li għadda mort mal-familja tiegħek ġurnata baħar.**
   Ħares lejn l-istampi u rrakkonta l-ġurnata tagħkom.
   X'ħadtu magħkom? Fejn mortu? X'għamiltu?







**Ċ 1. Agħmel il-pjan tal-istorja li għażilt fl-ispazju t'hawn taħt.** (2 marki)

Storja __________ (Ikteb 1 jew 2)

**Ċ 2. Uża l-pjan tiegħek biex tikteb l-istorja li għażilt.** (15 –il marka)

**L-Istorja għandha tkun bejn 100 u 150 kelma. Aqsam il-kitba tiegħek f'PARAGRAFI.**

\- Tmiem il-karta -